# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1189/19TA**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1564/19 fl-ismijiet:-**

**Astra Associated Services S.r.l. (Kodiċi Fiskali Taljan Nru 05277601000)**

**vs**

**Aerospace Engineering Services Limited (C 75422)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Aerospace Engineering Services Ltd (AES) tat-12 ta' Dicembru 2019;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Diċembru 2019;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Astra Associated Services s.r.L (AAS) tal-10 ta' Jannar, 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti mill-partijiet;

Semgħet ix-xhieda imressqa;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment għal-lum.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti tal-mertu fil-qosor huma dawn:

**1.** AES qed tilmenta mill-fatt li ġiet kolpita minn mandat ta' sekwestru numru 1564/19 fl-ismijiet premessi. L-ammont li qed ikun ikkawtelat, pendenti kawża li għamlet AAS permezz ta' rikors numru 1090/19TA, huwa ta' €1,078,058.50. AES għandha wkoll pretensjonijiet għad-danni u di fatti pprevaliet ruħha mill-fakulta' tal-Istitut tar-rikonvenzjoni fil-kawża imsemmija. AES tilmenta li s-sekwestru fid-dawl taċ-ċirkostanzi spjegati fir-rikors tagħha qed titlob il-garanzija ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artiklu jiddisponi hekk:

*"Il-Qorti tista, meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u li fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju".*

**2.** Jibda biex jingħad, li dan l-artikolu għandu jkun applikat fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 836(8)(9) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan ifisser, li dan l-artiklu huwa maħsub li jikkawtela għad-danni u penali **b'konsegwenza tal-ħruġ tal-mandat**. Iġifieri, il-parti li titlob il-garanzija, trid iżżomm quddiem għajnejha li b'din il-proċedura l-Qorti mhux qegħdha tkun adita biex tqis x'danni soffriet il-persuna fis-sustanza tal-azzjoni li tkun għamlet hi kontra l-parti l-oħra. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex fiċ-ċirkostanzi AES għandha kontro-talba. Dawk ix-xorta ta' danni għad iridu jkunu stabbiliti mill-Qorti appositament adita.

**3.** Di fatti fl-20 paragrafu tar-rikors odjern, AES tagħmel referenza għall-artiklu 836(9). Il-Qorti tfakkarha pero', li dan l-istess artikolu jiddisponi li d-danni taħt dan is-subartikolu huma biss reklamabbli għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija *"fis-subartiklu ta' qabel dan*" u għall-ebda raġuni oħra. Fil-fatt dawn il-Qrati jgħallmu li "*Jekk allura l-artikolu 838A huwa mmirat sabiex tintalab garanzija f'każ li jista' jkunu dovuti penali u/jew danni kontemplati fl-artikolu 836 (8) u (9) indikat, isegwi li tali talba għandha taqa' taħt waħda jew aktar mid-disposizzjonijiet tal-istess artikoli*". (ara ***Digriet tal-Prim Awla Qorti Ċivili tal-20 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet BT Prime Ltd -vs- FXDD Malta Ltd***).

**4.** Dan, konsegwentement ifisser, li l-element ta' kawża ġusta trid tkun waħda minn dawk ir-raġunijiet elenkati taħt artikolu 836(8)tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. AES, tagħmel referenza għall-artikolu 836(8) fl-20

paragrafu tar-rikors tagħha. L-erbgħa istanzi imsemmija f'dan is-subartiklu huma tassattivi, għaliex fin-natura tagħhom huma punittivi (**ara "Farrugia vs C&F Building Contractors Ltd." – P.A. (JRM) tal-14 ta' Awwissu 2014; "Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd" – P.A. (TM) tat-13 ta' Marzu 2003; Rikors Revoka Nru:967/2016 - LSO tas-6 ta' Diċembru 2016; u "Spiteri vs Darmanin" – P.A. (JRM) tal-25 ta' Awwissu 2010**). L-artikolu 836(8) joħloq ir-raġunijiet ta' xi tfisser kawża ġusta ai fini tal-artikolu 838A bl-applikazzjoni tas-sub-artikolu 836(9). Għalhekk, din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' AES magħmula fil-paragrafu 33 tar-rikors tagħha li l-liġi ma tiddefinixxix fhiex tikkonsisti kawża ġusta.

**5.** Għalhekk il-Qorti eżaminat l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri biex tiskopri liema waħda mir-raġunijiet qegħdha tinvoka AES sabiex ikun jista' jingħad li tesisti kawża ġusta kif irid l-artiklu 838A fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Wara li l-Qorti spigolat l-aggravji tar-rikors promotur, fehmet li AES qegħdha tippostula l-ilmenti tagħha abbażi tal-artikolu 836(8)(d) u ċioe' li l-mandat mertu tal-kawża inħareg fuq talbiet li qed isiru b'malizzji frivoli u vessatorji. Dan joħroġ ċar mill-premessi tar-rikors numri 15, 16,17 u 21.

**6.** Irid jingħad li kemm ir-rikors u kif ukoll ir-risposta jagħmlu sottomissjonijiet li jolqtu l-mertu tal-kawża li diġa' hemm pendenti bejn il-partijiet, konsiderazzjoni li hija riservata għall-eżami aktar profond mill-Qorti adita għalhekk. Fattur li fi proċeduri bħal dawn, ikompli jintensifika l-

prinċipju, li l-Qorti trid toqgħod b'sebgħa għajnejn li ma tirfisx il-mertu, aktar u aktar meta l-Imħallef li qed jippresjedi l-kawża li biha ġew dedotti l-pretensjonijiet sostanzjali, huwa l-istess wieħed li jrid jiddeċiedi dawk il-proċeduri.

**7.** Sa fejn jirrigwarda l-ilment tal-AES issir referenza għas-segwenti **Sentenza fl-ismijiet Pauline Vassallo vs The Eden Foundation tat-3 ta' April 2008** fejn intqal hekk:

*"Il-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwistjoni ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor … l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju "jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta'* ***(Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24)*** *nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża ("****Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434****), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio … (****"Mugliette (vs) Bezzina" - Kollez. Vol. XXVI.1.405)*** *… l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuż tad-*

*dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi:- "Il diritto cessa dove comincia 'abbuso ... ... riteniamo che basta, per protteggere tutti I'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa: di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti"*.

**8.** Fis-**Sentenza fl-ismijiet Darmanin vs Cachia et, deċiza fil-31 ta' Lulju 2007**, il-Qorti rriteniet illi:

*"Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għallfinijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."*

**9.** Fis-**Sentenza fl-ismijiet Spiteri vs Camilleri, deċiza fl-10 ta' Jannar 1992**, il-Qorti rriaffermat il-prinċipji regolatorji fil-kuntest ta' talba għall-imposizzjoni ta' garanzija.

**10.** Il-prova tal-malizzja, vessatorjeta', u frivolezza trid issir minn min ikun qiegħed jallega kawża ġusta ai fini tal-artikolu 838A. Għaliex il-prinċipju

f'materja ta' mandati hu "*Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita` ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn*" (ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Attard noe vs Loreto Abela" – P.A. (JRM) tal-25 ta' Mejju 2005**).

**11.** Il-Qorti tifhem l-inkomodu li seta' ħolqilha l-mandat imma dan waħdu mhux biżżejjed sabiex tissussisti kawża ġusta. Jidher ukoll, li jesisti atrit kummerċjali bejn il-partijiet, waħda takkolla lill-oħra bir-responsabbilita' tal-kroll tan-negozju li kellhom bejniethom. Kwistjoni li għad trid tkun stabbilita fil-kawża propja. Tapprezza, li ż-żewg partijiet setgħu inkorrew spejjes u anke sofrew ħsara traduċibbli f'termini monetarji. Imma l-grad ta' prova rikjest biex din il-Qorti tikkonvinċi ruħha li AAS tassew ma aġġixxietx bil-mod kif trid il-liġi **ai fini biss ta' dawn il-proċeduri**, ma intlaħaqx.

Il-Qorti qieset ukoll żewġ fatturi in konsiderazzjoni.

**12.** L-ewwel fattur jemerġi mill-paragrafu 17 tar-rikors promotur. AES targumenta li b'konsegwenza ta' dan il-mandat in-negozju tagħha huwa wieqaf minħabba li ma jistax ikun operat dan il-kont bankarju sabiex tkun

tista' tonora versu terzi. Apparti l-fatt li din ma hiex raġuni tajba ai fini ta' dawn il-proċeduri dan iwassal lil din il-Qorti biex tifhem, li AAS għandha għalhekk kull interess fiż-żamma tal-mandat kawtelatorju ġaladarba ma jidhirx li AES għandha assi oħra suffiċjenti, dan anke fid-dawl, li kull ma inqabad bil-mandat inkwistjoni hija s-somma fuq indikata.

**13.** It-tieni fattur jirrigwarda danni konsistenti fi flus likwidi dovuti jew sborsjati. F'paragrafu 9 tar-rikors promotur, AES issemmi li fadlilha tieħu €70,000 għal servizzi li għadhom ma tħallsux minn AAS. Minn naħa l-oħra AAS produċiet dokumenti li jindikaw li ħallset is-somma ta' ċirka €700,000. Dan dejjem qed jingħad biss ai fini ta' dawn il-proċeduri.

**14.** Fl-aħħar nett il-Qorti tinnota li għalkemm il-mandat inħareg għal 'l fuq minn miljun ewro, fir-rejalta, l-assi li jidher li għandha f'Malta AES fi flus likwidi, huwa fl-ammont ta' €86,340. Dan jirrisulta ċar miċ-ċedola ta' depositu tat-3 ta' Diċembru 2019, tal-Bank of Valletta bħala sekwestratarju (a' fol 162). Iġifieri, ma hux il-każ, li minħabba s-sekwestru inkwistjoni, AES qegħdha tkun imċaħħda mill-ammont kollu kawtelat mill-imsemmi mandat.

**15.** Il-Qorti hija tal-fehma, li AES ma rnexxilhiex tipprova li jesistu l-elementi kollha fit-termini ta' dak li jipprovdu l-artiklu 838A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta sabiex jigu applikati l-effetti tieghu kontra is-Soċjeta` AAS.

Għaldaqstant, il-Qorti qegħdha tipprovdi dwar ir-rikors tas-Soċjeta' Aerospace Engineering Services Ltd tat-12 ta' Diċembru 2019 billi għar-raġunijiet fuq imsemmija tiċħdu bl-ispejjes kontra l-imsemmija Soċjeta'.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**